MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2525/2002

**Paul Bonello**

**vs**

**Julian Robert Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba ta’ l-attur li permezz tieghu qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta’ elf tlett mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,362.50) danni li sofra f’incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta’ April 2002 bejn il-vettura BTY 068 u l-vettura FAV 605 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qieghed jikkontesta l-quantum tad-danni reklamati mill-atur.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ikkunsidra:-

1. Fl-20 ta’ April 2002 sehh incident tat-traffiku bejn il-vettura BTY 068 misjuqa mill-attur u l-vettura FAV 605 misjuqa mill-konvenut. M’hemmx kwistjoni dwar min kien responsabbli ghal dan l-incident.

2. Il-vertenza hija limitata fuq l-hlas li l-attur qieghed jitlob bhala telf ta’ xoghol. Jirrizulta li l-vettura BTY 068 hija *taxi* u l-attur juzaha biex jaqla’ l-ghixien tieghu biha.

3. Mill-provi rrizulta li l-kumpannija assiguratrici offriet is-somma ta’ Lm520 ghax-xoghol li tilef l-attur, mill-perjodu minn meta l-vettura ddahhlet ghat-tiswija (13 ta’ Mejju 2003) sal-gurnata li ssewwiet (15 ta’ Gunju 2002) [ara xhieda ta’ Dr. Edmond Zammit Laferla]. Min-naha l-ohra l-attur qieghed jippretendi hlas ghall-perjodu ta’ wiehed u hamsin (51) gurnata xoghol li tilef, u dan mid-data ta’ l-incident. Mill-provi rrizulta li mid-data ta’ l-incident (20 ta’ April 2002) l-attur ma setax jahdem. Irrizulta wkoll li l-vettura sofriet hsarat konsiderevoli tant li kien hemm zmien li l-kumpannija assiguratrici tal-konvenut riedet li l-vettura tigi ddikjarata bhala *wreck*. Sussegwentement accettaw li l-vettura tissewwa. Huwa minnu li min isofri danni ghandu obbligu li jimminimizza d-danni. Madankollu mill-provi ma rrizultax li l-attur kellu xi htija jew nuqqas in kwantu il-vettura damet circa tlett gimghat biex beda x-xoghol fuqha. Hadd ma jista’ jippretendi li t-tiswija tibda mil-lum ghall-ghada. L-attur stess kien jiddependi fuq nies ohra, igifieri l-persuna li ghamlet ix-xoghol fuq il-vettura.

4. L-attur ipprezenta prospett li fih hemm *break down* tad-dhul medju li ghamel f’kull xahar tas-sena fis-sena 2002. Il-kumpannija assiguratrici tal-konvenut offriet hlas ta’ Lm20 ghal kull gurnata. Min-naha l-ohra l-attur qieghed jippretendi iktar hlas. L-argument ta’ l-attur

huwa li fil-perjodu li fih sehh l-incident ix-xoghol ikun hafna iktar minhabba li jkun hawn iktar turisti. Irrizulta wkoll li l-attur jahdem l-*ajruport* u l-*port*. It-Tribunal jemmen li l-argument ta' l-attur iregi. Ir-rendikont li pprezenta l-attur gie ssostanzjat ukoll mir-*return* li huwa ghamel lid-Dipartiment tat-Taxxa ghal Valur Mizjud ghas-sena 2002. Il-fatt li l-attur kien ilu jahdem bhala *taxi-driver* mis-sena ta' qabel, ma jfissirx b'daqshekk li d-dhul tieghu matul is-sena 2002 m'huwiex dak li gie indikat minnu fil-prospett li pprezenta. Fil-kalkolu tad-danni mhux ser titqies it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud peress li mill-provi rrizulta li l-konvenut huwa ezentat mill-gbir ta' din it-taxxa.

5. Jidher li l-attur qieghed jikkalkola d-danni konsistenti f'telf ta' xoghol fuq medja ta' dhul ta' cirka Lm25 kuljum. It-Tribunal jemmen li din is-somma m'hijiex ezagerata. Madankollu mis-somma pretiza ser titnaqqas, *arbitrio boni viri*, is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) spejjez ghax-xiri ta' *diesel* li ffranka l-attur ghall-perjodu li ghamel wieqaf mix-xoghol.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn u tnejn u sittin lira Maltjia u hamsin centezmu (Lm1,262.50), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------